# Ix-Xbieha ta' San Publju fil-Kolleġġjata ta' San Pawl fil-Belt Valletta

■ P. Victor Paul Farrugia O.Carm



Kif fil-Knisja Kattolika, ix-xbieha ta' San Pietru hija dejjem akkumpanjata mix-xbieha ta' San Pawl minħabba li huma meqjusa bħala l-Kolonni tal-Knisja, nemmen li fil-Knisja Maltija x-xbieha ta' San Pawl għandha tiġi akkumpanjata minn dik ta' San Publju, għaliex huma l-kolonni tal-Knisja f'Malta. Pawlu li żera' u xettel din il-fidi fi gżiritna u Publju li saqqieha u ħa ħsiebha.

Għalhekk xtaqt nagħti ħarsa lejn dak li nsibu fil-Kolleġġjata Pawlina fil-Belt Valletta li għandu x'jaqsam ma' San Publju.

Fil-kor tal-Kolleġġjata maġenb il-kwadru titulari, insibu pittura ta' San Publju, xogħol ta' Ġużeppi Pace. San Publju jidher liebes ta' isqof, bl-insinji episkopali, fil-mument tal-martirju tiegħu. In-naħa ta' fuq jidher l-iljun, li qiegħed jattakka lill-qaddis. Fuq in-naħa l-oħra, tidher pittura tal-Isqof San Emidius.

Fuq is-siġġijiet tal-kor, jidhru żewġ pitturi kbar, xogħol il-pittur minn Palermo Giuseppe Velasco. Dik ta' fuq ix-xellug turina lil Pawlu ħdejn is-sodda li fuqha hemm missier Publju marid bid-deni u bid-disenterija. Pawlu jpoġġi jdejh fuq ġbinu, jitlob fuqu u jfejqu. Pawlu jinsab imdawwar b'diversi persuni oħra iżda m'hemmx ħjiel min minnhom jista' jkun Publju. Ta' min wieħed jinnota wkoll, id-dettal li fiha din il-pittura fosthom l-arkata, il-buqar tal-ilma u anke l-friex li qed jgħatti lil missier Publju. Dik tal-lemin turi lil San Pawl ifejjaq lill-morda tal-gżira fit-tliet xhur li dam Malta.

Is-saqaf u l-absidejiet fil-Kolleġġjata huma xogħol tal-pittur Taljan, Attilio Palombi (1860-1913), li ġie Malta fl-1903. L-affreski tiegħu ħadu post dawk ta' Giuseppe Hyzler u Letterio Subba minn Messina li kienu ddeterjoraw. Fl-abside tal-kor, jidher il-waqt tad-dehra ta' Kristu Rxoxt lil San Pawl fi triqtu lejn Damasku, li wasslet għall-konverżjoni tiegħu. Dik tan-naħa tax-xellug, turina parti mit-tempesta. Anġlu jidher lil San Pawl, u l-Appostlu jkellem lin-nies fuq il-ġifen u jagħmlilhom il-qalb. Nistgħu ninnutaw



lill-baħrin jarmu t-tagħbija l-baħar. Dik tan-naħa tal-lemin tinteressana aktar fil-kuntest ta' dan l-artiklu. Fiha naraw it-tluq ta' Pawlu minn Malta. In-nies tal-gżira qed isellmu lil Pawlu, waqt li hemm min qiegħed wiċċu fl-art iqimu bħala bniedem ta' Alla, Oħrajn qed iġorru kull xorta ta' ġid biex jgħabbuh fuq il-ġifen li jidher fl-isfond, u oħrajn ixejrulu. Ħdejn San Pawl naraw lil San Publju, liebes libsa ta' lewn safrani, u bil-palju, s-simbolu tal-Isqof, il-mexxej tal-Komunità Nisranija li waqqaf Pawlu fuq din il-gzira, li issa Publju se jieħu t-tmexxija tagħha. Dawn it-tliet pitturi juru l-għaqda ta' Publju fil-Kolleġġjata ddedikata lil Pawlu f'din il-Belt, għaliex lil Publju u lil Pawlu ma jifridhom ħadd.

